31996R2051

L 274/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 26.10.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2051/96

tal-25 ta' Ottubru tal-1996

li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-għoti ta'l-għajnuna għall-esportazzjoni taċ-ċanga u l-vitella li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta'l-importazzjoni fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1445/95

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju tal-1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1997/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 13 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 tal-20 ta' Diċembru tal-1979 dwar l-għoti ta'l-għajnuna għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta'l-importazzjoni f'pajjiż ieħor [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,

Billi, skond il-Ftehim għall-konklużjoni tan-negozjati bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada skond l-Artikolu XXIV:6 msemmi fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/591/KE tat-22 ta' Diċembru tal-1995 dwar il-konklużjoni tar-riżultati tan-negozjati ma' ċerti pajjiżi terzi skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT u kwistjonijiet oħra relatati magħhom (l-Istati Uniti u l-Kanada) [4], sussidji ta' l-esportazzjoni fuq ċanga u vitella friska, imkessħa jew iffriżata maħsuba għall-Kanada għandhom jiġu limitati għal 5 000 tunnellata metrika kull sena;

Billi l-amministrazzjoni ta' dak il-Ftehim għandha tiġi bbażata fuq applikazzjonijiet għal liċenzi speċifiċi Komunitarji ta'l-esportazzjoni; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju tal-1995 fuq ir-regoli ta'l-applikazzjoni għal liċenzi ta'l-importazzjoni u l-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2856/95 [6], għandu għalhekk jiġi emendat, billi, barra minn hekk, għandhom jiġu ppreżentati ċertifikati ta'l-identità lill-awtoritajiet doganali Kanadiża; billi huwa meħtieġ li tiġi definita n-natura ta' dawk iċ-ċertifkati ta'l-identità u l-proċeduri biex wieħed jużahom;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta'l-Amministrazzjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati ta'l-applikazzjoni rigward l- esportazzjoni lejn il-Kanada ta' 5 000 tunnellata metrika kull sena ta' ċanga u vitella ta' oriġini Komunitarja, friska, imkessħa jew iffriżata, li tikkwalifika għal trattament speċjali.

Il-kwantità disponibbli għal kull tliet xhur għandha tkun ta' aktar minn 1 250 tunnellata metrika, fil-każ tal-aħħar tliet tliet xhurijiet, il-kwantità li tkun fadlet mit-tliet xhur ta' qabel.

2. Il-laħam imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jaqbel mar-rekwiżiti dwar il-ħarsien tas- saħħa stabbiliti mill-Kanada u għandu jkun relatat ma'bhejjem maqtula mhux iżjed minn xahrejn qabel ma dawn jiġu lliberati mid-dwana għall-esportazzjoni.

L-Artikolu 2

Meta l-laħam ikun qed jiġi lliberat mid-dwana għall-esportazzjoni, iċ-ċertifikat ta'l-identità definit fl-Artikolu 3 għandu jinħareġ, fuq talba ta'l-applikant, malli tiġi ppreżentata l-liċenza ta'l-esportazzjoni maħruġa skond l-Artikolu 12 a tar- Regolament (KE) Nru 1445/95 u ta' ċertifikat veterinarju li juri d-data tal-qatla tal-bhejjem li minnhom ikun ġej il-laħam għall-esportazzjoni.

L-Artikolu 3

1. Iċ-ċertifkat ta'l-identità għandu jsir, talanqas b'kopja waħda, fuq formola li tkun taqbel mal-kampjun fl-Anness.

Iċ-ċertifikat jiġi stampat bl-Ingliż fuq karta bajda li jkollha l-qies ta' 210 × 297 mm. Kull ċertifikat għandu jkollu numru individwali tas-serje mogħti mill-uffiċċju doganali msemmi fl-Artikolu 4.

L-Istat Membru li jesporta jista' jkun jeħtieġ li kwalunkwe ċertifikat użat fit-territorju tiegħu ikun stampat b'wieħed mill-ilsna uffiċjali tiegħu kif ukoll bl-Ingliż.

2. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje bħall-oriġinal. Kull dettal li jitniżżel fl-oriġinal u fuq il-kopji għandu jiġi ttajpjat, jew, jekk jinkiteb bl-idejn, isir bil-linka b'ittri kbar.

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 267, tad-19.10.1996, p. 1.
[3] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.
[4] ĠU L 334, tat-30.12.1995, p. 25.
[5] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[6] ĠU L 299, tat-12.12.1995, p. 10.

L-Artikolu 4

1. Iċ-ċertifikat ta'l-identità u l-kopji għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali fejn il-laħam jiġi lliberat mid-dwana għall-esportazzjoni.

2. L-uffiċċju doganali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiffirma ċ-ċertifikat oriġinali fit-taqsima approprjata u jibgħat iċ-ċertifikat lill-parti interessata, waqt li jżomm kopja.

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiċċekkjaw l-oriġini u n-natura tal-prodotti li għalihom jinħarġu ċ-ċertifikati ta'l-identità.

L-Artikolu 6

L-Artikolu 12 a li ġej qed jiddaħħal fir-Regolament (KE) Nru 1445/95:

"L-Artikolu 12 a

1. Dan l-Artikolu għandu jgħodd għall-esportazzjoni lejn il-Kanada skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2051/96 (*).

2. Applikazzjonijiet għal liċenzi għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2051/96 jistgħu jitressqu biss fi Stati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa meħtieġa mill-awtoritajiet Kanadiżi.

3. L-applikazzjonijiet għal liċenzi u l-liċenzi għandu jkollhom in-nota Kanada fil-kaxxa 7. Il-liċenzi għandhom marbut magħhom obbligu li ssir l-esportazzjoni mill-Istat Membru li joħroġhom lejn dik id-destinazzjoni.

4. Minkejja dak li hemm fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantitajiet esportati ma jistgħux jiskorru dawk murija fuq il-liċenza. Il-liċenzi għandu jkollhom in-nota '0' fil-kaxxa 19.

5. Il-liċenzi għandu jkollhom waħda min-noti li ġejjin fil-kaxxa 22:

— Vacuno fresco, refrigerado o congelado — Acuerdo entre la CE y Canadá.

Válido solamente en … (Estado miembro de expedición).

La cantidad exportada no debe superar … kilos (cantidad en cifras y letras).

— Fersk, kølet eller frosset oksekød — Aftale mellem EF og Canada.

Kun gyldig i … (udstedende medlemsstat).

Mængden, der skal udføres, må ikke overstige … (mængde i tal og bogstaver) kg.

— Frisches, gekühltes oder gefrorenes Rindfleisch — Abkommen zwischen der EG und Kanada.

Nur gültig in … (Mitgliedstaat der Lizenzerteilung).

Ausfuhrmenge darf nicht über … kg (Menge in Ziffern und Buchstabe) liegen.

— Νωπό, διατηρημένο με απλή ψύξη ή κατεψυμένο βόζειο κρέας — Συμφωνία μεταξύ της ΕΚ και του Καναδά.

Ισχύει μόνο σε … (κράτος μέλος έκδοσης).

Η ποσότητα προς εξαγωγή δεν πρέπει να υπερβαίνει … χιλιόγραμμα (η ποσότητα αυαφέρεται αριθμητικώς και ολογράφως) …

— Fresh, chilled or frozen beef — Agreement between EC and Canada.

Valid only in … (Member State of issue).

Quantity to be exported may not exceed … kg (figures and letters).

— Viande fraîche, réfrigérée ou congelée — Accord entre la CE et le Canada.

Uniquement valable en … (État membre de délivrance).

La quantité à exporter ne peut excéder … kg (quantité en chiffres et en lettres).

— Carni bovine fresche, refrigerate o congelate — Accordo tra CE e Canada.

Valido soltanto in … (Stato membro emittente).

La quantità da esportare non può essere superiore a … kg (in cifre e in lettere).

— Vers, gekoeld of bevroren rundvlees — Overeenkomst tussen de EG en Canada.

Alleen geldig in … (Lid-Staat die het certificaat afgeeft).

Uitgevoerde hoeveelheid mag niet meer dan … kg zijn (hoeveelheid in cijfers en letters).

— Carne de bovino fresca, refrigerada ou congelada — Acordo entre a CE e Canadá.

Válido apenas em … (Estado-membro de emissão).

A quantidade a exportar não pode ser superior a … kg (quantidade em algarismos e por extenso).

— Tuoretta, jäähdytettyä tai jäädytettyä lihaa — Euroopan yhteisön ja Kanadan välinen sopimus.

Voimassa ainoastaan … (jäsenvaltio, jossa todistus on annettu).

Vietävä määrä ei saa ylittää … kilogrammaa (määrä numeroin ja kirjaimin).

— Färskt, kylt eller fryst nötkött — Avtal mellan EG och Kanada.

Enbart giltigt i … (utfärdande medlemsstat).

Den utförda kvantiteten får inte överstiga … kg.

6. Applikazzjonijiet għal liċenza jistgħu jiġu ppreżentati biss fl-ewwel għaxart ijiem ta' kull tliet xhur. Iżda, dwar l-aħħar tliet xhur tal-1996 jistgħu jiġu ppreżentati applikazzjonijiet fl-ewwel 10 ijiem ta' Novembru.

7. Fit-tielet jum tax-xogħol wara d-data ta'l-għeluq għall-preżentazzjoni ta'l- applikazzjonijiet l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista ta'l-applikanti u tal-kwantitajiet ta' prodott li saret applikazzjoni għalihom.

8. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi safejn l-applikazzjonijiet għal liċenza jistgħu jiġu aċċettati. Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għal liċenzi jkunu jiskorru dawk disponibbli din għandha tistabbilixxi perċentwal wieħed ta' aċċettazzjoni li jgħodd għall-kwantitajiet mitluba. Jekk il-kwantità globali koperta mill-applikazzjonijet kollha tkun anqas minn dik disponibbli din għandha tiddeċiedi l-bilanċ li għandu jiżdied mal-kwantità disponibbli għat-tliet xhur ta' wara.

9. Għandhom jinħarġu liċenzi fil-21 jum ta' kull tliet xhur. Iżda, dwar l-aħħar tliet xhur tal-1996 il-liċenzi għandhom jinħarġu fil-21 ta' Novembru.

10. Minkejja dak kollu li hemm fl-Artikolu 8(1), il-liċenzi għandhom ikunu validi għal 90 ġurnata mill-jum proprju meta jinħarġu, waqt li jgħodd l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jinħarġu.

11. Jekk il-kwantitajiet li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom jitnaqqsu skond il-paragrafu 8 il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih għall-kwantitajiet kollha li ma jingħatawx.

12. Minbarra dan kollu r-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, ir-rilaxx tal-garanzija kontra l-liċenzi ta'l- esportazzjoni għandu jkun bil-kondizzjoni li tiġi ppreżentata prova tal-wasla fid-destinazzjoni, waqt li jgħodd l-Artikolu 33(4) ta' dak ir-Regolament.

(*) ĠU L 274, tas-26.10.1996, p. 18."

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ottubru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

	1. L-Esportatur	2. Iċ-ċertifikat Nru	**ORIĠINAL**
	3. Id-destinatarju	**IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-IDENTITÀ** **L-ESPORTAZZJONI TA' ĊERTA ĊANGA U VITELLA LEJN IL-KANADA**	

NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jimtela l-ewwel fl-oriġinal u b'mhux anqas minn kopja waħda.

B. L-oriġinal u talanqas kopja waħda għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali, fejn isiru l- formalitajiet doganali dwar l-esportazzjoni.

C. L-oriġinal għandu jingħata lill-awtoritajiet doganali tal-Kanada.

1	4. Il-marki, in-numri, l-għadd u x-xorta tal-pakki; deskrizzjoni tal-merkanzija	5. Il-piż gross 7. Il-piż nett	6. In-Nri tal-fattura
2	4. Il-marki, in-numri, l-għadd u x-xorta tal-pakki; deskrizzjoni tal-merkanizja	5. Il-piż gross 7. Il-piż nett	6. In-Nri tal-fattura

8. ID-DIKJARAZZJONI TA' L-ESPORTATUR

L-esportatur hawn taħt iffirmat jiddikjara li l-merkanzija hawn fuq deskritta taqbel mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2051/96.

Fi ..... Nhar il- .....

(Firma)

9. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU DOGANALI KOMPETENTI

Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni lejn il-Kananda tal-merkanzija koperta minn dan iċ-ċertifikat saru.

Fi ..... Nhar il- .....

(Firma) (Timbru)